# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 26

Il-Hamis, 12 ta' Novembru, 2009

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg u Peter Buontempo.

Il-Kunsillier Farrugia informa li kien qieghed jattendi kors filwaqt li l-Kunsillier Camenzuli nforma li kien ser ikun imsiefer.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 24 li saret nhar il-Hamis, l-1 t'Ottubru, 2009 kif ukoll tas-Seduta Nru. 25 li saret nhar is-26 t'Ottubru, 2009 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

**Latrini Pubblici**
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-latrina pubblika ta' Triq id-Dejqa kien beda.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li studenta ohra ta' l-arkitettura qieghdha tahdem fuq disinji u pjanti ghal Peacock Garden. Kien hemm qbil ukoll li meta jitlesta x-xoghol ta' restawr fuq is-sur, il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tieghu.

## QUARTER FINANCIAL REPORT

Il-Kunsill unanimament approva l-Quarter financial report ghall-perjodu April – Gunju 09.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Fuq talba tad-diretturi ta' City Theatre ta' Triq l-Ifran, sabiex ikollhom Keep Clear bay quddiem l-entratura tat-teatru minhabba safety, il-Kunsill ma laqax din it-talba minhabba li l-bankina quddiem l-entratura hija wiesgha;

- Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament minghand il-Kunsilli Parrokkjali ghall-ghajnuna li ta l-Kunsill fil-harga ghall-anzjani;

- Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-bejjiegha tal-monti ta' Triq it-Teatru dwar il-problema tal-parking u access ghall-posta taghhom issa li inghalqet Triq it-Teatru k/m Triq l-Ifran. Kien hemm qbil li din tigi riferuta lill-ADT;

- Il-Kunsill qabel mal-proposta ta' l-ADT li jsir Communal Reserved for Disabled Parking Bay hdejn il-Barrakka t'Isfel;

- Dwar talba mill-Ghaqda festi esterni Dumnikani Beltin ghal avviz tal-Kunsill fil-kalendarju ta' l-Ghaqda, il-Kunsill qabel li jgib kjarifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk dan hux possibli;

- Dwar talba tas-Sur Joe Formosa sabiex juza rota b'father Christmas fic-centru tal-belt waqt zmien il-Milied, il-Kunsill talab aktar informazzjoni;

- Il-Kunsill talab li ssir laqgha ma' l-ADT dwar il-policy ghal reserved parking ghal persuni b'dizabilita` kif ukoll il-policy dwar reserved parking ghal lotto offices;

- Il-Kunsill ircieva numru ta' applikazzjonijiet ghal skrivani part time. Kien hemm qbil li s-Sindku, s-Segretarju Ezekuttiv, flimkien mal-Vici Sindku u l-Kunsillier Borg jaghmlu l-intervisti lill-applikanti;

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Seminar tal-HERO fil-belt Valletta***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-seminar tal-progett ta' l-EU HERO, taht il-programm URBACT kien sar fil-belt Valletta u kien success kbir. Is-Sindku rringrazzja lil Gabriella ghax-xoghol li ghamlet waqt dan is-seminar.

***Notte Bianca***
Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaghti €116 lil contract manager Domnic Polidano ghas-sehem tieghu fit-tindif li sar waqt l-attivita' tan-Notte Bianca;

***Inawgurazzjoni ta' Pjazza San Gorg***
Is-Sindku nfoma lill-Kunsill li l-inawgurazzjoni ta' Pjazza San Gorg ser issir fl-ewwel gimgha ta' Dicembru u wara ser ikun hemm gimgha shiha ta' attivitajiet fil-Pjazza organizzati mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali.

***Notte Magica***
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-attivitajiet tal-Milied kienu ser jaghlqu fid-9 ta' Jannar bl-attivita` tan-Notte Magica li ser issir mill-Ministeru ghat-Turizmu.

***Festi fil-Belt***
Is-Sindku qal li kien ser ilaqqa' l-kumitati tal-festi tal-belt sabiex jinstabu mezzi kif dawn jistghu jahdmu flimkien.

***Dahlet Gnien is-Sultan***
Is-Sindku qal li fl-ahhar laqgha tal-VRP kien ippropona li terga' ssir il-gate li kien hemm qabel sabiex matul il-lejl din tinghalaq u tkun accessibli biss ghar-residenti u terga' tinfetah mal-gurnata.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru

**AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI**

Il-Kunsillier Azzopardi ppropona li jsiru zewg bollards fl-ahhar ta' Triq Sant'Ursola qabel jibda t-tarag tal-qawwi sabiex dan jigi protett. Kien hemm qbil li ssir it-talba lill-VRP dwar dawn.

Il-Kunsill qabel ukoll li jsir party tal-Milied ghat-tfal ta' l-Ursolini.

Il-Kunsill kellu zewg kwotazzjonijiet ghal *ticketing systems* fil-*waiting area*. Minhabba li l-prezz ghal dawn huwa wiehed eccessiv, il-Kunsill qabel li jixtri sistema ta' *ticketing* aktar komuni.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-lista annessa (Appendici A). Il-Kunsillier Azzopardi flimkien mal-Kunsillier Borg qalu li huma ma kenux jaqblu mal-hlas Rif. Nru. A.VI/25-216 ghal *punch clock* minghand Databyte. Ghaldaqstant, filwaqt li gew awtorizzati unanimament il-hlasijiet l-ohra, dan il-hlas gie awtorizzat bi tliet voti favur u tnejn kontra.

**TMIEM**

Fis-7.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku